Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għall-migranti li jaħarbu mill-gwerra u l-ġuħ, u li jkollhom jivvjaġġaw fost perikli kbar u vjolenza, biex il-pajjiżi li jirċevuhom jilqgħuhom tajjeb u joffrulhom opportunitajiet ġodda.



**Qari:** *Messaġġ tal-Papa Franġisku fil-108 Jum Dinji tal-migranti u refjuġjati - Settembru 2023*

“Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għarwien u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont il-ħabs u ġejtu żżuruni” (Mt 25:35-36). Dan il-kliem huwa twissija kontinwa biex naraw fil-migrant, mhux sempliċiment lil ħuna jew oħtna f’diffikultà, imma lil Kristu nnifsu li jħabbtilna l-bieb. Għaldaqstant, anke waqt li naħdmu biex nassiguraw li f’kull każ il-migrazzjoni tkun frott ta’ deċiżjoni ħielsa, aħna msejħin nuru rispett kbir għad-dinjità ta’ kull migrant; dan jinvolvi l-akkumpanjament u li namministraw il-mewġiet migratorji bl-aħjar mod possibbli, li nibnu pontijiet u mhux ħitan, li nwessgħu l-kanali biex ikun hemm migrazzjoni b’mod sigur u regolari. Kull fejn niddeċiedu li nibnu l-futur tagħna, f’art twelidna jew inkella f’xi pajjiż ieħor, l-importanti hu li dejjem ikun hemm komunità lesta li tilqa’, tipproteġi, tippromwovi u tintegra lil kulħadd, mingħajr distinzjonijiet u mingħajr ma teskludi lil ħadd.

“Kull min jilqa’ wieħed minn dawn iċ-ċkejknin minħabba f’ismi,
ikun jilqa’ lili; u min jilqa’ lili, ikun jilqa’ mhux lili,
imma lil dak li bagħatni” (Mk 9:37; ara Mt 18:5; Lq 9:48; Ġw 13:20).
Mulej, ma tantx ħallejtilna fejn nistaħbew
biex nippruvaw niddefendu l-ideat żbaljati ta’ ħafna minna
dwar il-migranti u r-refjuġjati!
Jekk aħna naraw lilek fihom,
żgur li ma nistgħux nibqgħu nittrattawhom ħażin,
jew inħarsu lejhom bl-ikrah u naqfluhom
f’ċentri ta’ detenzjoni f’kundizzjonijiet ħżiena għall-aħħar.

Mulej, kultant nieqaf naħseb u ngħid bejni u bejn ruħi,
“Min jaf li kieku konna aħna fis-sitwazzjoni tagħhom,
kif konna nixtiequ li niġu ttrattati?”
Imma għaliex, Mulej, donnu li kollox jitlgħalna għal rasna
u naħsbu li aħna biss għandna dritt li ngħixu tajjeb
u ngawdu, u ma jimpurtaniex minn ħaddieħor?
Tgħid li kieku kellna npoġġu lilna nfusna minflokhom,
konna nibdlu din l-attitudni?
Mulej, għinna nifhmu s-sitwazzjoni iebsa
ta’ ħafna migranti u refuġjati, li jaħarbu minn pajjiżhom,
mhux b’kapriċċ, iżda minħabba gwerer,
persekuzzjonijiet, diżastri naturali u faqar.
Imliena bid-dehen, sabiex nifhmu li l-beżgħat u l-preġudizzji
jġagħluna nżommu d-distanzi mill-oħrajn u spiss,
kif qal il-Papa Franġisku, iżommuna milli
“nsiru proxxmu” tagħhom u naqduhom b’imħabba.
Agħtina l-kuraġġ, Mulej Ġesù, sabiex nimxu fuq il-passi tiegħek
meta int neħħejt il-mantar minn fuqek,
inżilt għarkupptejk u ħammiġt idejk
u ħsilt riġlejn id-dixxipli tiegħek. (ara Ġw 13:1-15)
Għinna nifhmu li kull barrani li jħabbat biebna
hu okkażjoni li tlaqqagħna miegħek,
li turina lilek innifsek f’dak il-barrani li niftħulu l-bieb
biex ma nwarrbuhx u nagħtuh il-ġenb.
Jalla dan l-għarfien jgħabbina b’responsabbiltà,
ħalli b’hekk nilqgħuh b’dirgħajn miftuħa.
Agħtina d-dehen biex nifhmu li aħna msejħin
biex inġeddu l-impenn tagħna
biex nibnu futur li jaqbel aktar mal-pjan tiegħek,
jiġifieri ta’ dinja fejn kulħadd jista’ jgħix fis-sliem u fid-dinjità.

**KANT**

**Qari**: *Messaġġ tal-Papa Franġisku fil-108 Jum Dinji tal-migranti u refjuġjati - Settembru 2022*

Ħadd m'għandu jiġi eskluż. Il-pjan ta' Alla huwa essenzjalment inklussiv u jagħti prijorità lil dawk li jgħixu fil-periferiji eżistenzjali. Fosthom hemm ħafna migranti u refuġjati, persuni spostati, u vittmi tat-traffikar. Is-Saltna ta' Alla għandha tinbena magħhom, għax mingħajrhom ma tkunx is-Saltna li Alla jrid. L-inklużjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli hija l-kundizzjoni meħtieġa għaċ-ċittadinanza sħiħa fis-Saltna ta' Alla. Fil-fatt, il-Mulej jgħid: "Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b’wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni.” (Mt 25:34-36).

Mulej, nixtieq nitlob it-talba li għamel Papa Franġisku
meta spiċċa l-messaġġ tiegħu fil-Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati:-

*O Alla, Missier li tista’ kollox,*
*agħtina l-grazzja li naħdmu bla heda*
*għall-ġustizzja, għas-solidarjetà u għall-paċi,*
*sabiex uliedek kollha jkunu jistgħu jgawdu*
*l-ħelsien li jagħżlu jekk jemigrawx jew le.*

*Agħtina l-kuraġġ li nirrappurtaw*
*l-orruri kollha tad-dinja tagħna,*
*u biex niġġieldu kull inġustizzja*
*li tħassar is-sbuħija ta’ wliedek*
*u l-armonija tad-dar komuni tagħna.*

*Sostnina bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħek,*
*sabiex inkunu nistgħu nirriflettu l-imħabba tenera tiegħek*
*lil kull migrant li inti tqiegħed fi triqitna,*
*u li tinfirex fil-qlub u f’kull sitwazzjoni*
*l-kultura tal-flimkien, u li nieħdu ħsieb xulxin.*

Mulej, tassew li ħafna drabi l-preżenza ta’ migranti u refuġjati
tista’ toħloq sfida kbira, iżda dan jista’ jservi wkoll
bħala opportunità biex nikbru b’mod kulturali u spiritwali.

Nitolbuk, Mulej, sabiex nieħdu din l-opportunità
li nitgħallmu aktar dwar id-dinja u s-sbuħija tad-diversità tagħha.
Għinna biex, permezz ta’ din il-laqgħa, nikbru fl-umanità komuni tagħna u nibnu flimkien sens dejjem akbar ta’ għaqda.
Agħtina l-għajnuna tiegħek sabiex aħna, bħala komunità,
inkunu lesti li nilqgħu, nipproteġu, nippromwovu
u nintegraw lil kulħadd, mingħajr distinzjonijiet
u mingħajr ma neskludu lil ħadd.
Agħti d-dehen, Mulej, lill-mexxejja tal-istati tad-dinja
sabiex jaħdmu biex jintemmu l-inugwaljanza
u d-diskriminazzjoni fid-dinja.
Għinhom, Mulej, sabiex jifhmu l-importanza
biex jinvestu ħalli jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tan-nies kollha, jippromwovu opportunitajiet edukattivi għal kulħadd,
jimplimentaw politika li tinkoraġġixxi l-ħolqien tal-impjiegi,
sabiex inaqqsu l-faqar u l-ġlied,
ħalli b’hekk ħadd ma jħoss il-bżonn li jaħrab minn pajjiżu
u jmur ifittex kenn f’pajjiż barrani.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Mulej, nitolbu skont il-fehma tal-Papa għall-migranti li jaħarbu mill-gwerra u l-ġuħ, u li jkollhom jivvjaġġaw fost perikli kbar u vjolenza, biex il-pajjiżi li jirċevuhom jilqgħuhom tajjeb u joffrulhom opportunitajiet ġodda.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, Missier, nitolbuk tħares il-ħajja ta’ tant minn ħutna li kellhom bilfors jaħarbu minn pajjiżhom. Wassalhom bis-sliem f’post sigur. Imliena bl-ispirtu tiegħek sabiex nuru ħniena u ġenerożità mar-refuġjati li rnexxielhom jaslu u qed jgħixu fi ġżiritna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej Ġesù, nitlobu sabiex inkunu nistgħu nifhmu aħjar l-inkwiet, l-ansjetà u t-taħbit li jgħaddu minnu r-refuġjati meta jaħarbu minn art twelidhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, għinna sabiex naħsbu dwar l-uġigħ tal-firda, kif ukoll it-trawma li jgħaddu minnha l-migranti u r-refuġjati, minħabba l-gwerra. Jalla nindunaw bl-ansjetà li jkollhom il-migranti u r-refuġjati, minħabba li dawn ma jistgħux jippjanaw il-futur, u b'hekk inkunu lesti li ngħinuhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Fuq kollox, Mulej, imliena bid-dehen sabiex nagħrfu napprezzaw u nħaddnu d-diversità u nibnu komunità armonjuża.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.